Dok A.

Mozzjoni Nru: 9.

Illum l-Erbgħa

11 ta' Marzu, 2015

**Mozzjoni għall-proposta ta' *pitch* grawnd bit-turf artifiċjali fiż-żona tal-*playing field.***

Jien issottofirmatorju ta' din il-mozzjoni qed inressaq suġġeriment li fl-opinjoni tiegħi se tkun ta' benefiċċju kemm għat-tfal kif ukoll għaż-żgħażagħ Fontanin.

Peress li ta' kuljum ninnota kemm tfal kif ukoll żagħżagħ jilgħabu fuq iz-zuntier tal-knisja bil-konsegwenza li jistgħu jkunu ta' periklu għalihom, minħabba li fit-triq prinċipali jgħaddi ħafna traffiku.

Għalhekk permezz ta' din il-mozzjoni qed nipproponi sabiex issir *pitch* grawnd bit-turf artificjali fl-area fuq in-naħa ta' wara tal-bandli tal-lokalita', fejn it-tfal u ż-żgħażagħ tagħna jkunu jistgħu jilagħabu u iqattgħu il-ħin liberu mingħajr ebda periklu. Din il-mozzjoni qed issir fl-aħjar interess għall-poplu tal-Fontana u aktar serħan tal-moħħ għall-ġenituri kolħa.

H. M. Micallef

Horace Micallef
Kunsillier
Proponiment

Recieved
11 March 2015 at
at 14:57

S. Borg

DoK B ... cont

Ħbieb,

Illum ser nivvotaw għall-mozzjoni li fl-opinjoni umli tiegħi hija fundametali għaċ-ċittadini tar-raħal għażiż tagħna. Vot favur ifisser illi aħna bħala kunsilliera qed nagħtu ambjent san u sigur lit-tfal u żgħażagħ tagħna fejn ikunu jistgħu iqattgħu l-ħin liberu tagħhom.

Wiehed irid ifakkar illi l-post propost ghat-tali pitch jinsab maġenb il-knisja u l-lezzjonijiet tad-duttrina u għaldaqstant ser ikun qed jinkoraġixxi lil dawn it-tfal sabiex jattendu aktar għal attivitajiet u funzjonijiet reliġjużi. Barra minn hekk jista jintuża ukoll għal diversi attivitajiet tal-Kunsill, fosthom l-*Sports Fest* illi tiġi organizzata flimkien mal-Knisja Parrokjali. Dan jgħin sabiex uliedna jissawru b' mod pozittiv kemm fiżikament u kif ukoll spiritwalment.

Meta wieħed jikkonsidra dan kollu ma jistax ma jasalx għal konklużjoni li dan il-vot huwa vot li jġorr miegħu ċertu responsabilita'. Dan għaliex vot kontra jkun ifisser li qed ninjoraw l-interess taċ-ċittadini tal-Fontana li huwa dritt tagħhom li jkollhom post adegwat fejn it-tfal tagħhom jirrikrejaw ruħhom. Huwa vot ukoll kontra l-interessi reliġjużi u l-formazzjoni reliġjuża tat-tfal tagħna. Dan għaliex ser inkun qed nonqsu li nagħmlu l-parti tagħna sabiex nirranġaw l-ambjent ta' madwar il-knisja u kif ukoll ma nkunux qed noffru ambjent san fejn t-tfal jilagħbu qabel u wara l-funzjonijiet reliġjużi.

S. Bay

Dok B

Għaldaqstant vot kontra ma jistax ma jwassalx għall-konklużjoni li l-interess ta' dawk li ma jappoġjawx it-tali mozzjoni huwa biss wieħed partiġjan u ma għandhomx l-interess tar-raħal qabel l-interess tal-partit. Dan ma jħallilix triq oħra ħlief ninforma kemm lir-residenti u kif ukoll lill-mezzi tax-xandir x'wassal sabiex dan il-progett ma jimmaterjalizżax ruħu fl-interess uniku u ġenwin taċ-ċittadini u parruċċani Fontanin.

Nagħlaq billi nsostni li s-sens komun u l-imħabba lejn ir-raħal għandhom jipprevalu fuq kull indħil barrani.

Horace Micallef

Kunsillier

N.B. Din l-istqarrija ser tinbgħat lir-residenti kollha u lill-mezzi tax-xandir fl-intier tagħha.

S. Borg.